**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Frankie Falzon**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 10 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Frankie Falzon** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 138078 (M) billi huwa akkuzat talli fis-17 ta' Ottubru 2018 bejn il-17:00 u is-19:00 f'Hal-Qormi u/jew f'x'inhawi f'dawn il-gzejjer:

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lill-Ispettur tal-Pulizija Joseph Busuttil, persuna skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi

fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz skont Artiklu 95, Artiklu 339(1) e ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanza kkaguna lill-Ispettur tal-Pulizija Joseph Busuttil biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta tieghu skont Artiklu 251(3) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lill-Ispettur tal-Pulizija Joseph Busuttil skont l-Artiklou 49(a) tal-Kap 339 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih skont Artikolu 49(c) tal-Kap 339 tal-Ligijeit ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku skont Artiklu 338 (bb) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi kkometta reat waqt iz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza, liema sentenza inghatat lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D, li nghatat fit-18 ta' Frar 2018 u li hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula.
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat dr. A. Demicoli LL.D, fl-24 ta' Settembru 2018 b'dan li ma jikkomettix delitt ta' natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest u dan taht

depozitu ta' €1500 Euro, u garanzija personali ta' €3000 ewro fost kundizzjonijiet ohra hekk kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti skond Art. 579 (1) (2) (3) ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhhu recidiv ai termini ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma u l-familjari;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta'htija ma ' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta htija tikundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta'spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu erba' (4) xhieda kif gej:

Spettur Lydon Zammit (*a fol* 28 et. seq.); Spettur Joseph Busuttil (*a fol* 44 et. seq.); Marisa Gauci (*a fol* 49 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 76 et. seq.).

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Tolleranza zero**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghu.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni m'hux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u

wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti se terga' tfakkar f'dak osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali[1] : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

*" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f' sitwazzjonijiet difficli u delikati - b' leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*

*Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

u fl-Appell Kriminali[2] "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet:

*"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqiesu leggerment*

[1] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[2] Ibid.

*mill-Qrati li għandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jaġixxu fiż-żamma tal-ordni taħt ċirkostanzi mill-aktar diffiċli u b'riskju kbir għall-inkolumita' tagħhom personali w li għalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-liġi."*

Imbagħad fl-Appell Kriminali[3] "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

"*Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jiżdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati għandhom id-dmir, fejn ikun il-każ, li jagħtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jaġixxu entro il-poteri lilhom mogħtija fl-esekuzzjoni tal-liġi w ma jistgħux jittrattaw dawn il-każijiet b' leġġerezza w jikkondonaw dak li ma għandux jiġi kondonat b' pieni irriżorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun reċidiv kif inhu f' dan il-każ."*

**Illi l-akkuzi odjerni li l-imputat jinsab akkużat bihom, jikkonċernaw inġurji u theddid fuq uffiċċjal pubbliċi, spettur tal-pulizija u dan b'telefonata li saret lill-Ispettur fis-17 ta' Ottubru 2018 li kien wettaq u kien għadu qiegħed iwettaq xogħlu f'każ li hemm fih involut l-imputat.**

**Il-Qorti innutat ukoll li fis-seduta tallum l-imputat skuża ruħu għal dak kollu li għara u qal li jiddispjaċih ta' dak li kien wettaq.**

---
[3] Ibid.

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.**

**Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 251(3), 338 (bb), 339(1) e ta' Kap 9 u artikoli 49(a), 49(c) tal-Kap 339 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija effettiva u ghaxar (10) ewro multa.

Il-Qorti tordna li s-sentenza sospiza li nghatat fit-18 ta' Frar 2018 tkun estiza f'sens li tibda tghodd mill-gurnata tallum.

Il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat minhabba ksur tal-kundizzjonijiet ta' liberta' provizorja tal-24 ta' Settembru 2018 u tordna l-konfiska tad-depozitu ta' elf u hames mitt ewro a favur il-Gvern ta' Malta. Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-garanzija m'ghandhiex tkun konfiskata.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikser is-sentenza originali tat-18 ta' Frar 2018 li s-sospensjoni taghha regghet bdiet tghodd millum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Decide:

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**